# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Tonio Micallef**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Tonio Micallef**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 549274M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli fl-14 ta' Marzu 2015 għall-ħabta tas-07:00 waqt li kien fi Triq il-Pellikani, Ħal-Tarxien inġurja jew hedded b'mod ieħor mhux imsemmi mill-Kodiċi Kriminali jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil Carmel Debono, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti semgħet lill-parte civile tiddikjara li dment li l-imputat kien lest li jneħħi l-ħbula tal-inxir li huma fil-qalba ta' dak li wassal għall-kawża meritu f'dan il-każ bejn dawn iż-żewġt ġirien, huwa kien lest li jirrinunzja għall-kwerela u għall-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali.

L-imputat iddikjara li mingħajr ma direttament jew indirettament jinftiehem li kien qiegħed jammetti għall-imputazzjoni miġjuba kontrih

huwa kien qiegħed jintrabat li jneħħi l-ħbula tal-inxir de quo fi żmien ġimgħa millum.

Minbarra f'din l-istqarrija, il-parte civile anke sabiex kemm jista' jkun jinżamm il-buon viċinat iddikjara li kien qiegħed jirrinunzja għall-kwerela u għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat, safejn tali azzjoni hija rinunzjabbli, u dan stante li kien ħafer lill-imputat. L-imputat iddikjara li kien qiegħed jaċċetta tali rinunzja.

Semgħet lill-imputat jiddikjara li fid-dawl tar-reċess tal-kwerela da parti tal-parte civile, huwa kien qiegħed jintrabat formalment mal-Qorti li bl-ebda mod ma kien sejjer, direttament jew indirettament jivvessa jew jimmolestja lil Carmel Debono u l-familjari tiegħu.

***<u>Decide</u>***

Li fid-dawl tar-reċess tal-kwerela, u stante li l-azzjoni penali f'dan il-każ titmexxa ad istanza tal-parti privata, il-Qorti, anke sabiex kemm jista' jkun jiġi mħares il-buon vicinat, qegħda tiddikjara l-proċediment estint.

***Mogħtija illum it-13 t'Ottubru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***